Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/2249(INI)

22.5.2026

EMENDI
197 - 212

Abbozz ta' rapport
Rasmus Andresen
(PE787.030v01-00)

Ir-rwol globali tal-euro
(2025/2249(INI))

Emenda 197
Ľudovít Ódor, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi l-istabbiltà u l-kredibbiltà tal-qafas ekonomiku u istituzzjonali Ewropew, ibbażati fuq is-soliditá tal-politiki ekonomiċi tal-Ewropa, u fuq il-kompetittività u l-prevedibbiltà istituzzjonali tagħha, jinfluwenzaw b'mod eċċessiv ir-rwol globali tal-euro;

Or. en

Emenda 198
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi l-euro huwa stabbilit sew bħala t-tieni l-aktar munita użata fid-dinja; billi l-euro jirrappreżenta madwar 20 % tar-riżervi globali tal-kambju; u billi 40 % tal-kummerċ globali attwalment huwa ffatturat bl-euro[1a];
	[1a] The international role of the euro (Ir-rwol internazzjonali tal-euro), Ġunju 2025 – BĊE

Or. en

Emenda 199
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi fis-26 sena li ilu jeżisti, l-euro sar simbolu tas-saħħa ekonomika tal-Ewropa u tal-pożizzjoni tagħha fid-dinja;

Or. en

Emenda 200
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -D (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi s-sistema monetarja internazzjonali għadha ċċentrata fuq id-dollaru Amerikan, li kien jirrappreżenta 57,8 % tar-riżervi uffiċjali globali tal-kambju fi tmiem l-2024, filwaqt li l-euro baqa' t-tieni l-aktar munita ta' riżerva importanti b' 20,1 %; billi d-deheb laħaq 20 % tar-riżervi uffiċjali totali bil-prezzijiet tas-suq u b'hekk qabeż l-euro, li s-sehem tiegħu kien ta' 16 %[1a];
	[1a] IMF COFER, World Aggregates, Q4 2024; BĊE, The international role of the euro" (Ir-rwol internazzjonali tal-euro), Ġunju 2025

Or. en

Emenda 201
Ľudovít Ódor, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi s-swieq finanzjarji profondi u

likwidi denominati f'euro, u l-progress lejn Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti effiċjenti, it-tlestija tal-Unjoni Bankarja u t-twettiq tal-pjan direzzjonali Ewropa Waħda, Suq Wieħed, jenħtieġ li jkollhom rwol fundamentali fit-tisħiħ tar-rwol globali tal-euro;

Or. en

Emenda 202
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi s-sehem tad-dollaru Amerikan fir-riżervi globali tal-kambju naqas b'10 punti perċentwali mill-2014, filwaqt li s-sehem tal-euro baqa' stabbli u "muniti oħra" ggwadanjaw aktar minn 10 punti matul l-istess perjodu[2a];
	[2a] The international role of the euro (Ir-rwol internazzjonali tal-euro), Ġunju 2025 – BĊE

Or. en

Emenda 203
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi minkejja d-daqs ekonomiku u l-influwenza taż-żona tal-euro fil-kummerċ globali, l-użu tal-euro għadu lura meta mqabbel mad-dollaru Amerikan b'marġni wiesa', iżda għad għandu

vantaġġ fuq il-muniti l-oħrajn kollha li qed jikkompetulu;

Or. en

Emenda 204
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi t-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali u l-isfidi tal-kummerċ internazzjonali – fosthom it-tfixkil tal-katini tal-valur, l-iżviluppi teknoloġiċi, it-trasformazzjoni diġitali, iż-żieda fis-saħħa ekonomika taċ-Ċina u l-isfidi li l-Istati Uniti tippreżenta għall-multilateraliżmu – iwasslu għal ekonomija dinjija multipolari, u b'hekk iwittu t-triq għal bidla potenzjali lejn sistema ta' riżerva ta' diversi muniti fejn l-euro se toffri għażliet ta' muniti addizzjonali għall-parteċipanti tas-suq globalment u tippermetti tnaqqis fir-riskji finanzjarji globali;

Or. en

Emenda 205
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi, minkejja d-domanda strutturali kontinwa għat-Teżor tal-Istati Uniti, diversi episodji reċenti ta' stress ġeopolitiku u relatat mal-kummerċ urew li r-rendimenti tat-Teżor jistgħu jiżdiedu aktar milli jonqsu, u b'hekk iqajmu dubji dwar il-funzjoni awtomatika tagħhom ta'

rifuġju sikur; billi dan l-ambjent li qed jinbidel joħloq tieqa ta' opportunità għall-euro;

Or. en

Emenda 206
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi l-UE jenħtieġ li tipproteġi l-integrità tal-infrastrutturi finanzjarji tagħha u l-indipendenza tal-operaturi tas-suq tagħha kontra l-unilateraliżmu fil-politika barranija u s-sanzjonijiet ekstraterritorjali potenzjali minn ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, u fl-istess ħin tiżgura l-infurzar effettiv tal-politika tas-sanzjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 207
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi l-euro jirrappreżenta aktar minn 40 % tal-fatturazzjoni globali tal-esportazzjoni meta jiġi inkluż il-kummerċ fiż-żona tal-euro; billi, ladarba l-pajjiżi taż-żona tal-euro jiġu esklużi, id-dollaru Amerikan jammonta għal madwar 60 % tal-fatturazzjoni tal-esportazzjoni meta mqabbel ma' madwar 25 % għall-euro fl-2023[1b];

[1b] BĊE, The international role of the euro (Ir-rwol internazzjonali tal-euro), Ġunju 2025, Special Feature B, "Global trade invoicing patterns: New insights and the influence of geopolitics", p. 51, Tabella B.1 u n-nota f'qiegħ il-paġna 88.

Or. en

Emenda 208
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi filwaqt li d-deċiżjoni li tintuża munita hija fl-aħħar mill-aħħar determinata mill-preferenza tal-parteċipanti fis-suq, il-fiduċja fl-istabbiltà tal-munita hija komponent kruċjali li jinfluwenza l-għażliet tagħhom u kriterju importanti għall-banek ċentrali u l-gvernijiet fid-determinazzjoni tal-kompożizzjoni tar-riżervi internazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 209
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi, minkejja t-tkabbir reċenti fil-ħruġ supranazzjonali, l-istokk ta' assi sikuri Ewropej għadu strutturalment limitat, u jammonta, meta kkombinat ma' bonds sovrani taż-żona tal-euro kklassifikati mill-inqas AA, għal madwar 33 % biss tal-istokk pendenti tat-Teżori

tal-Istati Uniti fit-tielet kwart tal-2025[1c];

[1c] François Villeroy de Galhau, The international role of the euro and the development of European safe assets (Ir-rwol internazzjonali tal-euro u l-iżvilupp ta' assi sikuri Ewropej), diskors fil-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Lussemburgu, 2 ta' Ottubru 2025).

Or. en

Emenda 210
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi l-użu usa' ta' munita internazzjonali huwa sinonimu ma' privileġġi u vantaġġi, iżda jimplika wkoll responsabbiltajiet, dipendenzi u spejjeż globali;

Or. en

Emenda 211
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi l-bidliet immexxija mis-suq lejn it-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro jirrikjedu politiki mmirati ta' faċilitazzjoni li huma allinjati ma' dan l-objettiv u li huma parti minn pjan direzzjonali komprensiv;

Or. en

Emenda 212
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi r-rwol internazzjonali fit-tul tal-euro se jiddependi l-aktar mill-attrazzjoni taż-żona tal-euro bħala post fejn isir in-negozju u s-sodezza tal-politiki fiskali tal-Istati Membri;

Or. en